**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 211/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Fatima Hassanin**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Fatima Hassanin, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0079276(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Lulju tas-sena 2017 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa 95, Sun Valley Court, Blk A, Flt 5, Triq il-Paroċċa, Naxxar u f'dawn il-Gzejjer Maltin, mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Charles (Carmel) Zahra fil-pussess ta' ħwejjġu b'xi mod ieħor kontra l-Liġi jew indaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor. Il-Qorti kienet ukoll mitluba li jekk tkun tat xi piena lil min għamel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skond iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu

mal-liġi, fi zmien bizzejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tlett xhur mid-data tas-sentenza li jiġi stabbilit mill-qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2022, fejn il-Qorti għaddiet sabiex tillibera lill-imputata minn kull kundanna u ħtija. Il-Qorti għamlitha ċara li d-drittijiet ċivili appartenenti lill-partijiet jibqgħu impreġudikati bid-deċizjoni tagħha.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellata ħatja ta' l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tagħha u tinfliġġi piena skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniku aggravju vventilat mill-Avukat Ġenerali huwa indirizzat lejn id-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn din illiberat lill-appellata mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha unikament minħabba fi żball fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni li fih allegatament kien kommess ir-reat, minkejja li tul il-proċeduri kemm il-parti offiża kif ukoll l-appellata qablu fuq id-data tal-kummissjoni tar-reat. L-Avukat Ġenerali jsostni li żball jew nuqqas fil-komparixxi ma għandha qatt iġġib in-nullita' tal-akkużi u l-liberatorja konsegwenzajli tal-imputat/a.

Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi kienet proprju l-appellata li ħadet l-oġġetti mobbli mertu ta' dan l-każ mir-residenza tal-parti offiża u dana mingħajr il-kunsens tiegħu. L-appellata tikkontendi illi dan għamlitu billi dawn l-oġġetti kienu jappartjenu lilha u għalhekk meta hija ma baqgħetx tikkoabita mal-parti offiża, ħadet dawn l-oġġetti magħha. L-Ewwel Qorti

għaddiet għal liberazzjoni mhux fuq dan il-fatt probatorju, iżda għaliex fil-fehma tagħha irriżulta illi d-data meta kien allegatment kommess ir-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx dak indikat fiċ-ċitazzjoni – u ċioe' dik tal-25 ta' Lulju tas-sena 2017 u l-ġranet ta' qabel.

Issa mill-*affidavit* ta' WPS158 Gillian Henwood, jirriżulta li l-parti offiża Charles (Carmel) Zahra għamel ir-rapport lil pulizija fit-08 ta' Novembru 2017 meta stqarr li f'Lulju tas-sena 2016 kien siefer u meta rritorna lura, kien sab li l-appellata, li f'dak iż-żmien kien f'relazzjoni magħha, kienet ħaditlu xi oġġetti minn ġewwa r-residenza li fiha kienu jikkoabitaw. Stqarr li wara dan l-episodju, huwa u l-appellata kienu reġgħu bdew jiffrekwentaw lill-xulxin, u dana sas-7 ta' Frar tas-sena 2017, f'liema data ir-relazzjoni tagħhom reġgħet intemmet u l-appellata reġgħet ħadet xi oġġetti oħra mir-residenza tiegħu. Dan kollu kien ikkonfermat għal darb'oħra mill-parti offiża meta xehed quddiem il-Perit Legali Dr Lennox Vella[1], fejn hemmhekk kienet ippreżentata minnu lista[2] dettaljata tal-oġġetti li ttieħdu mill-appellata bid-dati li jiġu ndikati huma dawk tas-26 ta' Lulju 2016 u is-07 ta' Frar 2017, f'din l-aħħar data skont il-parti offiża l-appellata ma baqgħetx tikkoabita miegħu b'mod definittiv. Minn naħa l-oħra mbagħad, l-appellata tindika dati differenti tant li ma kenitx konsistenti fil-verzjoni tagħha fir-rigward. Dan għaliex l-ewwel issemmi id-data tal-25 ta' Lulju tas-sena 2017 bħala d-data meta ħadet l-affarijiet in kwistjoni, u dan fuq suġġeriment tal-avukat tal-parti offiża in kontro-eżami[3], pero' wara tikkontendi illi dan seħħ fi Frar tas-sena 2018, ukoll fuq suġġeriment lilha magħmula u mhux minn jeddha[4]. Illi f'dan il-kwadru probatorju għalhekk huwa indubitat illi x-xiehda tal-parti offiża hija aktar preċiża u affidabbli.

Dan ifisser illi skont dak dikjarat mill-parti offiża, li ressaq il-kwerela li xprunat dawn il-proċeduri penali, d-data meta l-appellata ħadet l-oġġetti in kwistjoni mir-residenza tiegħu mingħajr il-kunsens tiegħu, mhix id-data li hemm indikata fiċ-

[1] Ara xhieda ta' Charles Zahra fol.37 u 48/49 tal-atti
[2] Dokument CZ1
[3] Ara xiehda in kontro-eżami a fol.284
[4] Ara xiehda in kontro-eżami a fol.295

ċitazzjoni. Jirrizulta ukoll bla ebda dubbju li tul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ma saret l-ebda korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni in dizamina mill-Prosekuzzjoni.

Illi f'dan ir-rigward huma rilevanti d-dispozizzjonijet tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), li jfassal ir-rekwiżiti li huma meħtieġa fiċ-ċitazzjoni jew l-avviż li permezz tagħha/tiegħu l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti biex jiffaċċja l-proċediment penali stitwit kontra tiegħu -

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat, b'mod tali li jkun f'posizzjoni jħejji adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smigħ bid-difiza u bil-provi in sostenn tal-istess, sabiex l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smigħ. Madanakollu, n-nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti li ssir id-debita korrezzjoni biex jiġi sanat kwalunkwe nuqqas fl-istess u dan diment li l-imputat jingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' tali korrezzjoni. Hekk intqal fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003 -

> **Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun...**

Illi, f'sentenza oħra mogħtija minn din l-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

> **L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.**

**(Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**

**'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761).**

Illi allura ġialadarba l-persuna mħarrka tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali taċ-ċitazzjoni tkun giet ezawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni.[5]

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m'għandhiex tirrifletti l-fattispecie tal-każ li jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat – ħaġa li f'dan il-kaz ma saritx.

Illi, determinati dawn il-prinċipji ta' dritt u ta' fatt, huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija għall-att materjal tar-reat ta' raġġion fattasi li allegatament seħħ fi żmien temporali differenti minn dak li kien imputat lill-appellata fiċ-ċitazzjoni, billi f'dak iż-żmien hekk indikat jirriżulta li ma ġie kommess ebda reat. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta li għaddiet sabiex tillibera lill-appellata mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, u dana għal kuntrarju ta' dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali.

[5] Ara fost oħrajn sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mary Briffa" deċiża 18/10/2005

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**